# FIL-QORTI CIVILI PRIM’ AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta’ Frar 2024**

**Rikors numru 308/2021**

**Claude Anthony Camilleri (K.I. 606863M))**
**vs.**

1. **Kummissarju tal-Pulizija**
2. **Malta Tourism Authority**
3. **Transport Malta**
4. **Awtorita` ta’ l-Artijiet**
5. **Kunsill Lokali tal-Mellieħa.**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta’ Claude Anthony Camilleri li permezz tiegħu talab:

> Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeċiedi il-kawża billi:

i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom naqsu mill-obbligu tagħhom skont il-liġi meta ippermettew u ħallew numru ta' sidien ta' caravans jużurpaw propjetà pubblika ossija x-xatt tal-bajja tal-Mistra.

ii) Tiddikjara u tiddeċiedi illi konsegwenti għal tali nuqqas l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni sofferti mill-esponenti.

iii) Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti nominandi.

iv) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu dawk il-danni kollha hekk likwidati.

2. Rat ir-risposti tal-intimati kollha li permezz tagħhom, individwalment opponew għat-talbiet attriċi għar-raġunijiet miġjuba minnhom fir-risposti rispettivi tagħhom.

3. Rat il-verbal tal- 21 ta' Ġunju 2021 fejn l-avukat difensur tar-rikorrent speċifika li l-azzjoni attriċi hija waħda għad-danni, dan in vista tal-eċċezzjoni dwar in-nebolożita tal-azzjoni eċċepita mill-intimati. (fol 41).

4. Rat li fid-9 ta' Mejju 2022, din il-Qorti diversament ippreseduta ordnat li sas-seduta tas-27 ta' Gunju 2022, diġa iffissata għandhom jingħalqu l-provi tar-rikorrent (fol 145).

5. Rat li fil-verbal tas-26 ta' Mejju 2022, din il-qorti diversament ippreseduta ordnat li sas-seduta tas-27 ta' Ġunju 2022, diġà ffissata għandhom jingħalqu l-provi tar-rikorrent. (fol 146).

6. Rat in-nota tar-rikorrent ippreżentata fit-18 ta' Mejju 2022, permezz ta' liema in ottemperanza mal-verbal tad-9 ta' Mejju 2022, huwa informa li jonqsu x-xhieda tal-accountant Oscar Delia li qiegħed jirrediġi rapport fuq id-danni kif ukoll affidavit tiegħu stess, u jonqos biss li r-rapport tal-accountant li irid jiġi finalizzat.

7. Rat li fis-seduta miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju datata 27 ta' Ġunju 2022, l-avukat difensur tar-rikorrent iddikjara li in vista tal-aħħar verbal ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju 2022, fejn ġie ordnat lilu li f'din is-seduta ir-rikorrent jagħlaq il-provi tiegħu, huwa ma kienx għadu fil-pussess tal-provi li kien jonqsu, u għalhekk, jirremetta ruħu għad-deċiżjoni tal-qorti. (fol 148).

8. Rat li fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2022, din il-qorti diversament ippreseduta ddikjarat l-għeluq tal-provi tar-rikorrent.

9. Rat li fit-28 ta' Settembru 2023, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali.

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża fil-11 ta' Diċembru 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

11. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti processwali.

## B. FATTI TAL-KAŻ

12. Il-fatti tal-każ (in suċċint) kienu li r-rikorrent Claude Anthony Camilleri, kien jokkupa u jiġġestixxi ir-restaurant Margo's Mistra Bay, Palazzo Santa Rosa, fil-Bajja tal-Mistra għal diversi snin. Ġie allegat li mis-sena 2008 'il quddiem numru ta' karavans bdew jipparkjaw tul il-kosta kollha u bosta minnhom kienu jibqgħu hemm fl-istaġun tas-sajf. Ir-rikorrent għamel diversi rapporti lil diversi awtoritajiet fejn huwa kien qed jilmenta dwar dan inkluż quddiem l-Ombudsman. Fil-kawża in disamina huwa lmenta li din is-sitwazzjoni kkaġunatlu danni konsiderevoli fil-ġestjoni tar-ristorant fl-istess sit.

## C. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

13. Illi l-Qorti sejra qabel xejn titratta l**-Ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta u tal-Kummissarju tal-Pulizija, u l-ħames eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita tal-Artijiet** in kwantu qabel xejn trid tiddelinea l-parametri ġuridiċi ta' din l-azzjoni u l-kollokazzjoni tal-eċċezzjonijiet sollevati.

14. F'din l-eċċezzjoni preliminari, l-intimati imsemmija sostnew li kellha tiġi indikata n-natura tal-azzjoni għaliex ma kienx ċar abbażi ta' liema liġi r-rikorrent ivvanta l-pretensjonijiet tiegħu. Infatti, il-Kummissarju tal-Pulizija jgħid li t-talbiet u l-premessi kienu pjuttost nebolużi u ma kienx magħruf fuq liema liġijiet ir-rikorrent kien qiegħed issejjes it-talbiet tiegħu.

15. Fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021, l-avukat difensur tar-rikorrent speċifika li l-azzjoni kienet waħda għal danni (fol 41 tal-

proċess). Dan wassal sabiex issa r-rikorrent stabbilixxa kjarament in-natura ġuridika tal-azzjoni minnu intentata bi kjarezza. Fid-dawl ta' dan, din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati ġiet sorvolata. Għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

16. L-argument tar-rikorrent allura huwa li sofra danni allegatament kaġunati mill-intimati minħabba nuqqas ta' azzjoni fl-infurzar tal-Liġi meta ma ħadux azzjoni biex jitneħħew il-caravans u l-campers li kienu jinġemgħu fil-bajja tal-Mistra bejn l-2008 u l-2021.

17. Fl-isfond ta' dan l-argument bħala l-bażi tal-azzjoni tar-rikorrent, il-Qorti teħtieġ li tesplora **l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` tal-Artijiet, it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità għat-Turiżmu ta' Malta u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija** fejn dawn jargumentaw li r-rikorrent ma kellux interess ġuridiku li jipproponi din l-azzjoni kontrihom. L-istħarriġ ta' din l-eċċezzjoni jeħtieġ mhux biss eżami tat-talba fir-rikors promotur iżda wkoll tal-provi.

18. Din il-Qorti diversament presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet **Maria Tabone u Nathalie Dowdall, aħwa Schembri vs. Joseph Schembri u Georgina Alexander Schembri mart l-istess Joseph Schembri għal kull interess li jista' jkollha** deċiża fit-30 ta' Jannar 2007 kienet ġabret dawn l-elementi flimkien u parafrażathom hekk:

> Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:
> - irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
> - irid ikun dirett
> - irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
> - irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
> - l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
> - ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
> - il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.[1]

1. Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588;). Il-Mattirolo f'dan ir-rigward jispjega li: "L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."
Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li linteress huwa l-mizura ta' l-azzjoni.
2
L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe. deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997).

Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat millosservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey**, Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi**, **John Bondin**, Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza millQorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Inoltre, ġie ribadit ukoll fil-każ fl-ismijiet **Mr Bookmaker.com Ltd vs. Stichting De nationaleSpottotalisator** deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fis-17 ta' Mejju 2011, illi fis-sentenza **Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et** (App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:- "Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita` esistenza o violazione del diritto'.

19. Biex issaħħaħ din l-eċċezzjoni, l-Awtorita għat-Turiżmu ta' Malta sostniet li skont l-informazzjoni tagħha, ir-rikorrent ma kienx id-detentur ta' xi liċenza jew reġistrat bħala operatur rikonoxxut tal-istabbiliment tal-ikel bl-isem "Palazzo Santa Rosa" li jinsab fil-bajja tal-Mistra.[2] Mill-kopja legali tal-affidavit ta' Malcolm Zerafa f'Dok MTA3, fol 188, u d-dokument anness fol 189 u li kien ġie preżentat fil-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-każ fl-ismijiet **P&S**

---

Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita` gudizzjarja."

Fil-kawza **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni** (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk: "Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza flismijiet "Falzon Sant Manduca vs Weale", maqtugha fid9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".

Fis-sentenza **J. Muscat et vs R. Buttigieg et** (App. Civ. 27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal: "L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fit-2 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet **George Laferla et vs Joseph Lauri et** inghad li: "Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "Calleja vs Micallef" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April, 1992, u "Sammut vs Attard" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar, 1993)."

Inoltre, fil-kawża **Alex Mangion vs Anthony Cilia Pisani** deċiż mill-Prim' Awla Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2004 fejn ingħad: ".......L-attur irid ikollu interess ġuridiku fil-prosegwiment ta' dik il-kawża, liema interess irid ikun jeżisti fil-bidu tal-kawża u jipperdura tul is-smiegħ tal-kawża.......... Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Giuseppe Micallef Goggi vs P.L. Emanuele Armando Mifsud et** deċiża fil-11 ta' April 1930, għalkemm il-Kodiċi tagħna m'għandux provedimenti jitratta l-ħtieġa ta' interess, din il-ħtieġa tista' tiġi desunta mill-artikolu 236, li jitkellem fuq dritt ta' appell 'minn kull min ikollu interess', u mill-artikolu 960, li jitkellem fuq l-intervent f'kawża in statu et terminis, fiż-żewġ każi tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili.

Il-Qorti tal-Appell, fil-każ **Goggi vs Mifsud** kompliet tghid: "Fu nondimeno sempre ritenuto nella patria gurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia, e come corollario di (questa) due disposizione, che base e misura di ogni azione giudiziaria e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta perche se l'interesse e una condizione sina qua non per il semplice intervento e per l'appello, e tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio."

[2] kif altrimenti meħtieġ skont il-Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Limited vs Paul Camilleri** jirriżulta li d-detentur tal-liċenzja biex jitħaddem dak l-istabbiliment fil-Bajja tal-Mistra kien Paul Vella bħala rappreżentant tal-kumpanija P&S Limited. Din l-Awtorita kkonkludiet ukoll li b'hekk ir-rikorrent l-anqas kellu l-jedd li jopera dak l-istabbiliment fl-ewwel lok aħseb u ara kemm kellu jedd u l-konsegwenti interess legali u ġuridiku biex jipproponi kawża għal danni bażata fuq argumenti ta' disturb ta' l-operazzjonijiet u qliegħ ta' dan negozju minħabba l-allegati nuqqasijiet tagħha.[3]

20. Ġiet ukoll eżebita kopja tas-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera datata 27 ta' Ġunju 2022,[4] mnejn jirriżulta li kontra dak premess mir-rikorrent fir-rikors promotur, ir-rikorrent **ma kienx** is-sid tar-ristorant "Palazzo Santa Rosa" fil-Bajja tal-Mistra għalkemm kien jikri dan il-fond bis-saħħa ta' skrittura ta' lokazzjoni datata l-1 ta' Novembru 2005. Infatti, bis-sentenza tiegħu, il-Bord li Jirregola l-Kera iddeċieda li jittermina l-kirja ta' dan il-fond, inkluż ukoll il-parkeġġ qrib relattiv, biex b'hekk Claude Camilleri kien ġie żgumbrat mill-fond in kwistjoni u ordnat jirritorna ċ-ċwievet tal-fond.

21. Il-fatt li persuna ma tibqax iżjed tokkupa fond ma jġibx awtomatikament nuqqas ta' interess ġuridiku fil-kawża intentata in kwantu kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ, minn natura tal-kawża u tat-talbiet magħmula,[5] għalkemm bħala regola, r-rikorrent ried juri li huwa kellu interess ġuridiku jipproponi din l-azzjoni u dak l-interess kellu jkun preżenti matul il-kors tal-proċeduri ġudizzjarji mill-bidu sal-aħħar.

22. B'hekk anke jekk huwa ma baqax b'titolu lokatizju fuq il-fond de quo ma jfissirx li t-talba tiegħu għad-danni kellha tiġi meqjusa **awtomatikament** karenti minn interess ġuridiku – li kieku huwa almenu wera li kellu dak il-jedd nonche dak l-interess ġuridiku meħtieġ biex jittutelah u li baqa' jippersisti anke wara t-tmiem tat-terminu lokatizju. Biss ir-rikorrent naqas milli juri li fil-fatt kellu dak il-jedd u naqas milli juri r-rabta ġuridika bejn l-aġir allegatament abbusiv u illegali li huwa imputa lill-intimati u xi danni jew, almenu, xi preġudizzju li huwa setgħa sofra bħala konsegwenza għal dak l-aġir.

---

[3] Dan apparti li l-istess liċenzja kienet ilha ma titħallas għal numru ta' snin mit-titolari tagħha u b'hekk kien hemm arretrati pendenti.

[4] eżebita fil-proċess a fol. 152 permezz ta' nota ippreżentata fil-11 ta' Ottubru 2022 u markata bħala Dok MTA1 mill-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta.

[5] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Cristino Chircop et vs. Awtorita tal-Artijiet et** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Jannar 2022.

23. Ir-rikorrent ftit li xejn ressaq provi. Iżda anke mill-provi li resqu l-intimati u li r-rikorrent għamel użu minnhom, ma ġiex muri li huwa kellu dak il-jedd tutelabbli u l-interess ġuridiku biex jipproponi din it-tip ta' azzjoni ġudizzjarja.

24. Il-provi mressqa mir-rikorrent kienu skarni għall-aħħar u kienu konsistenti prinċipalment f'NPS reports, eżebiti fol 59 et sequitur, fejn hemm rapporti jew kwereli skont il-każ, u li jinkludu x'azzjoni ttieħdet minn naħa tal-Għassa tal-Pulizija. Huwa biss f'NPS 9/V/653/2017 li jirriżulta li r-rikorrent kien għamel ilment lil Għassa tal-Pulizija tal-Mellieħa minħabba li kien hemm xi nies li kienu bil-caravans mingħajr il-permessi meħtieġa. Dan l-ilment kien sar fid-19 ta' Frar 2017 għall-ħabta tal-10 am. Il-Pulizija marret fuq il-post u sabu tliet caravans. Huma kelmu lis-sidien tagħhom u infurmawhom li biex ikunu jistgħu jikkampjaw hemmhekk kien jeħtiġilhom iġibu permess mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kif ukoll li jekk jerġgħu jinqabdu hemmhekk mingħajr dawn il-permessi kienu sejrin jittieħdu proċeduri kontra tagħhom.

25. Din l-informazzjoni hija frott ta' rapport li għalkemm ġie preżentat bil-ġurament minn RPC 3018, il-fatti li jikkontjeni **<u>ma ġewx debitament konfermati bil-ġurament mill-persuni involuti nfishom</u>**.

26. Mill-affidavit ta' Carmel Debono, Segretarju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa[6] jirriżulta li fit-2 t'Ottubru tal-2009 il-Kunsill Lokali Mellieħi kien ħareġ byelaw numru LS363.143 li titratta l-attivitajiet fil-beraħ fil-Lokalita tal-Mellieħa (Kunsill Lokali Mellieħa), fejn inter alia ġiet introdotta l-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Kunsill Lokali Mellieħi biex jitqiegħed kamp jew caravan f'dik il-lokalita, inkluż f'xi bajja. Igħid ukoll li l-Kunsill Lokali Mellieħi kien dak li għamel sinjali biex juri fejn ma setgħux isiru tali attivitajiet.

27. A fol 196 Debono jżid igħid li r-rikorrent kien verament għamel ilmenti mal-Kunsill Lokali Mellieħi dwar xi caravans u campers li kienu jieqfu fil-Bajja tal-Mistra, liema lmenti kien għamilhom bejn l-4 ta' Mejju 2006 u t-28 ta' Lulju 2009. Ma ġiex speċifikat kemm il-ilment ressaq u xi provi produċa dwar dan. Debono jżid ukoll li r-rikorrent

[6] Fol. 195.

kien ilmenta li ma riedx li fil-Bajja tal-Mistra jsiru tlielaq tal-karozzi jew radio controlled power boats. Dan għen biex fl-2009 il-Kunsill Lokali Mellieħi għamel il-byelaw imsemmija.

28. Din ix-xiehda magħquda ma dak ir-rapport magħmul mir-rikorrent fl-2017 imsemmi iżjed il-fuq juri li fil-fatt verament li r-rikorrent kien għamel xi lmenti mal-Kunsill Lokali Mellieħi u mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar caravans jew campers parkeġġati fl-area tal-Bajja tal-Mistra. Iżjed minn hekk jirriżulta wkoll li bejn l-2020 u l-2021 uħud mill-intimati kienu wkoll parti minn korrispondenza li kienet ukoll uriet li f'Novembru 2020 kien hemm xi caravans fl-area tal-Bajja tal-Mistra. Fil-fatt dik il-korrispondenza li ġiet eżebita mill-Perit David Vassallo, rappreżentant ta' Infrastructure Malta a fol 84 et seq u turi x'azzjoni ttieħdet in segwitu għall-intervent tal-Kummissarju Għall-Ambjent u l-Ippjanar fl-Uffiċju tal-Ombudsman, il-Perit Alan Saliba. Fosthom, tqegħdu bollards mal-perimetru tal-Bajja biex ħadd ma jkun jista jipparkeġġja vetturi hemmhekk.

29. Allura minn dan jirriżulta li fuq bażi ta' probabbilita, verament fiż-żona in kwistjoni kienu jiġu parkeġġati vetturi, fosthom caravans jew campers. **<u>Iżda b'daqshekk ma jistax jingħad li ġie suffiċjentement ippruvat li tali preżenza kienet tikkostitwixxi event dannuż fil-konfront tar-rikorrent, għall-liema event dannuż kienu jaħtu l-intimati, u liema event dannuż ikkaġuna ħsara lir-rikorrent f'ċifra determinata</u>**. Il-provi semmai juru b'mod alkwantu neboluż, li kien hemm event: konsistenti fil-parkeġġ ta' ammont indeterminat ta' campers jew caravans, fi żminijiet indeterminati u inċerti, li kienu jieqfu f'xi zona tal-Bajja tal-Mistra. Biss dan l-event ma ġiex pruvat kif, għaliex u f'liema miżura dan il-parkeġġ kien jikkostitwixxi **<u>event dannuż</u>** għar-rikorrent.

30. Il-provi prodotti ma jissufragawx l-elementi tal-interess ġuridiku fir-rikorrent. Ir-rikorrent naqas juri, sal-grad tal-probabbli li huwa kellu interess attwali, dirett, leġittimu u ġuridiku biex jipproponi din l-azzjoni. Ma weriex kif din l-azzjoni setgħet tkun kapaċi twaslu li jinvoka vantaġġ u utilità minn din **<u>l-azzjoni għal danni kontra l-intimati</u>**. Wisq anqas wera li l-intimati jew min minnhom ikkommettew (b'att ta' kommissjoni jew omissjoni) xi vjolazzjoni ta' xi dritt **<u>li kien jappartjeni</u>** lir-rikorrent. Ma weriex li l-jedd li kien qiegħed iħares kien jeżisti realment favur tiegħu personali u li ma kienx ipotetiku. L-iżjed però, f'kawża bħal din, li skontu stess kienet

kawża għal danni, **<u>ir-rikorrent naqas li juri li kien hemm dik ir-rabta ġuridika bejn l-allegat aġir abbużiv jew illegali (omissjoni ta' azzjoni t'infurzar) mill-intimati jew min minnhom u d-danni jew almenu l-preġudizzju li huwa allegatament issubixxa konsegwenza ta' dan in-nuqqas</u>**. Dan mhux qiegħed jingħad in bażi għal dik il-ġurisprudenza li, kif ċitat iżjed il-fuq, qieset bħala wieħed mir-rekwiżiti tal-eżistenza tal-interess ġuridiku f'ażżjoni għal danni jkun in-ness ġuridiku bejn l-event dannuż konsistenti f'azzjoni jew omissjoni tal-intimat u xi eventwali ħsara jew preġudizzju subita minħabba fiha da parti tar-rikorrent.

31. Inoltre, a fol 155, intwera li fil-kors tal-proċeduri ġudizzjarji ta' żgumbrament istitwiti kontra r-rikorrent, huwa kien xehed li bejn l-2007 u l-2018 huwa ma kienx qiegħed jopera bħala ristorant mhux minħabba li kellu xi problema maħluqa mill-caravans jew campers li kienu qegħdin jipparkjaw fil-Bajja tal-Mistra, iżda minħabba problema li nqalgħet bit-tank tal-gass li kien jissupplixxilu l-kċina in kwantu ma kienx hemm l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa biex dan ikun jista jintuża hekk, hemmhekk. Anzi, anke jekk igħid li kellu jbiddel id-direzzjoni u jibda juża l-injam minflok il-gass u jservi l-pizza minflok jopera ta' ristorant b'mod sħiħ, ir-rikorrent huwa wkoll rappurtat li sostna - a fol 160 - li f'dak iż-żmien in-negozju kien miexi sew! Fost din ix-xiehda li huwa ta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ma semma ebda xejn dwar problemi li setgħu kienu qegħdin jaqilgħulu għan-negozju tiegħu dawn il-caravans jew campers li kienu jipparkjaw fil-Bajja tal-Mistra. Altru minn danni kaġunati minn nuqqasijiet attribwibbli lill-intimati, allura.

32. In definittiva, l-eċċezzjoni dwar il-karenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrent riflessa fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` tal-Artijiet, it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità għat-Turiżmu ta' Malta u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija jistħoqqilha li tiġi milqugħa.

33. B'hekk ikun inutli li din il-Qorti li tinoltra ruħha fuq il-kumplament tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati. L-impediment naxxenti mill-karenza tal-interess ġuridiku li jipproponi din l-azzjoni, jaffettwa l-proponibbilta tal-kawża fil-konfront tal-intimati kollha u b'hekk anke fir-rigward tal-kumplement tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati.

# **Deċide**

**Għaldaqstant, għall-motivi premessi, filwaqt li l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, tal-Awtorita` tat-Turiżmu ta' Malta, tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet stante li ġew sorvolati bid-dikjarazzjoni tar-rikorrent imsemmija iżjed il-fuq, tilqa' l-eċċezzjoni dwar il-karenza ta' l-interess ġuridiku tar-rikorrent, riflessa fl-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet, fit-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta u fit-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Artijiet u konsegwentement tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**